Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

EDWARD FENECH ADAMI
President

31 ta' Diċembru, 2007

## ATT Nru. XXXI ta' l-2007

*ATT biex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9, u diversi liġijiet oħra li għandhom x'jaqsmu ma' materji kriminali*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** (1) It-titolu ta' dan l-Att hu Att ta' l-2007 li Jemenda Diversi Liġijiet li jirrigwardaw Materji Kriminali. Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal disposizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

### TAQSIMA I

**2.** Din it-taqsima temenda l-Kodiċi Kriminali u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi Kriminali, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-taqsima msejjaħ "il-Kodiċi". Emenda tal-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

**3.** Minnufih wara is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 23 tal-Kodiċi għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej: Emenda ta' l-artikolu 23 tal-Kodiċi.

"(4) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) sa (3), meta l-Avukat Ġenerali jwassal talba lil maġistrat minn awtorità barranija għat-treġġigħ lura ta' xi oġġett li jkun inkiseb b'mod kriminali għal finijiet ta' restituzzjoni lis-sid leġittimu tiegħu, il-qorti tista' wara li tisma' lill-partijiet u jekk tqis li jkun xieraq li hekk tagħmel wara li tikkunsidra ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, tordna li l-konfiska ta' kull tali oġġett m'għandhiex issir u li l-oġġett għandu jitreġġa' lura lill-awtorità barranija rikjedenti."

Emenda ta' l-artikolu 23B tal-Kodiċi.

**4.** L-artikolu 23B tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 23B tal-Kodiċi, għandhom jidħlu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(1A) Kull proprjetà, li tkun tinsab sew f'Malta sew barra minn Malta, li tkun tappartjeni lil, jew li tkun tinsab fil-pussess ta' jew taħt il-kontroll ta' xi persuna li tinsab ħatja ta' reat rilevanti jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi korp magħqud li jista' jkun responsabbli taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 121D għandha, kemm-il darba ma tinġiebx prova xort'oħra, titqies li tkun inkisbet mir-reat rilevanti u tkun tista' tiġi konfiskata mill-qorti.

(1B) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 7 ta' l-Att għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* b'dak il-mod illi kull referenza f'dak l-artikolu għal "l-artikolu 3(3)" għandha tiftiehem bħala referenza għas-subartikolu (1A) ta' dan l-artikolu u kull referenza fl-imsemmi artikolu 7 għal "ksur ta' l-artikolu 3" għandha tiftiehem bħala referenza għal reat rilevanti";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "ir-rikavat li jkun ġej mir-reat" għandhom jidħlu l-kliem "Dik il-multa tkun tista' tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u s-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili"; u

Kap. 12.

(ċ) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok it-tifsira "reat rilevanti" għandu jidħol dan li ġej:

" "reat rilevanti" u "l-Att" għandhom l-istess tifsir mogħti lilhom bl-artikolu 23A(1)."

Iżid l-artikolu 23C ġdid mal-Kodiċi.

**5.** Minnufih wara l-artikolu 23B tal-Kodiċi għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Konfiska ta' proprjetà miksuba minn xi attività kriminali.

23C. (1) Meta jiġi stabbilit li l-valur tal-proprjetà tal-persuna li tinsab ħatja ta' reat rilevanti tkun sproporzjonata mal-qligħ tagħha leġittimu u l-qorti, wara li tinforma ruħha minn fatti speċifiċi, tkun għal kollox konvinta li l-proprjetà in kwistjoni tkun inkisbet mill-attività kriminali ta' dik il-persuna, il-proprjetà tkun tista' tiġi konfiskata.

(2) Meta persuna tkun instabet ħatja ta' reat rilevanti u b'konsegwenza ta' dan xi flejjes jew proprjetà mobbli oħra jew xi proprjetà immobbli tkun tista' tiġi konfiskata, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 22(3A) (b) u (d) ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* fiċ-ċirkostanzi msemmija f'dawk il-paragrafi."

Emenda ta' l-artikolu 49 tal-Kodiċi.

**6.** Fl-artikolu 49 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "reat ieħor." għandhom jidħlu l-kliem "reat ieħor:" u minnufih wara dan għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda l-qorti tista', meta tkun qegħda tistabbilixxi l-piena, tikkunsidra sentenza li tkun ingħatat minn qorti barranija u li tkun għaddiet f'ġudikat."

Emenda ta' l-artikolu 102 tal-Kodiċi.

**7.** L-artikolu 102 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "żewġ gradi." għandhom jidħlu l-kliem "żewġ gradi;"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (b) tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) meta l-korruzzjoni tkun saret bl-użu ta' forza, theddid, biża' jew bit-twegħid, offerta jew għoti ta' xi vantaġġ mhux dovut sabiex tinġiegħel li tingħata xiehda falza, il-piena msemmija fil-paragrafu (a) miżjuda bi grad wieħed jew tnejn.".

Emenda ta' l-artikolu 121A tal-Kodiċi.

**8.** Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 121A tal-Kodiċi, minflok il-kliem "min jirċievi" għandhom jidħlu l-kliem "min jitlob, jirċievi".

Żjieda ta' l-artikolu 121E mal-Kodiċi.

**9.** Minnufih wara l-artikolu 121D tal-Kodiċi għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Applikabbiltà ta' l-artikolu 248E (4) tal-Kodiċi.

121E. Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 248E (4) ta' dan il-Kodiċi għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal persuna li tkun instabet ħatja tar-reati taħt dan is-sub-titolu."

Emenda ta' l-artikolu 127 tal-Kodiċi.

**10.** Fl-artikolu 127 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "għal xi vantaġġ privat tiegħu," għandhom jidħlu l-kliem "għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entità oħra,".

Żjieda ta' l-artikoli ġodda 204A sa 204C mal-Kodiċi.

**11.** Minnufih wara l-artikolu 204 tal-Kodiċi, għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Istigazzjoni bi vjolenza ta' persuni ta' taħt l-età għall-prostituzzjoni jew għal parteċipazzjoni f'wirja pornografika.

204A. (1) Kull min:

(a) bi vjolenza jġiegħel persuna ta' taħt l-età għall-prostituzzjoni jew biex tipparteċipa f'wirja pornografika, jew

(b) xjentement jagħmel qligħ jew jikseb xi benefiċċju mill-imġiba msemmija fil-paragrafu (a),

jista', meta jinsab ħati, jeħel priġunerija għal żmien minn sentejn sa sitt snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

(2) Il-piena għar-reat imsemmi fl-artikolu 204A(1)(b) għandha tiżdied bi grad, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f'kull wieħed minn dawn il-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-ħati xjentement jew b'nuqqas ta' ħsieb ikun ipperikola l-ħajja tal-persuna ta' taħt l-età;

(b) meta r-reat ikun jinvolvi l-vjolenza jew offiża gravi fuq dik il-persuna;

(ċ) meta r-reat isir bl-involviment ta' għaqda kriminali fil-kuntest ta' l-artikolu 83A(1).

Thajjir ta' persuni ta' taħt l-età għall-prostituzzjoni jew għal parteċipazzjoni f'wirja pornografika.

204B. (1) Kull min biex jissodisfa ż-żina ta' ħaddieħor iqabbad persuna ta' taħt l-età fil-prostituzzjoni, jew għal parteċipazzjoni f'wirjiet pornografiċi, jista', meta jinsab ħati, jeħel priġunerija għal żmien minn tmintax-il xahar sa erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

(2) Ir-reat għandu jkun punibbli bi priġunerija għal żmien minn sentejn sa sitt snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f'kull wieħed minn dawn il-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-ħati xjentement jew b'nuqqas ta' ħsieb ikun ipperikola l-ħajja tal-persuna ta' taħt l-età;

(b) meta r-reat ikun jinvolvi l-vjolenza jew offiża gravi fuq dik il-persuna;

(ċ) meta r-reat isir bl-involviment ta' għaqda kriminali fil-kuntest ta' l-artikolu 83A(1).

Parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuni ta' taħt l-età.

204C. (1) Kull min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-età jista', meta jinsab ħati, jeħel priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

(2) Ir-reat għandu jkun punibbli bi priġunerija għal żmien minn sentejn sa sitt snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f'kull wieħed minn dawn il-każijiet li ġejjin:

(a) jekk ir-reat isir bi vjolenza;

(b) meta jingħataw flus jew għamliet oħra ta' rimunerazzjoni jew korrispettiv b'kumpens għall-persuna li tkun qegħda tipparteċipa fl-attivitajiet sesswali u tiġri xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu (d);

(ċ) meta l-ħati jabbuża minn xi pożizzjoni rikonoxxuta li jkollu ta' fiduċja, awtorità jew influwenza fuq tali persuna u tiġri xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu (d);

(d) iċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafi (b) u (ċ) huma dawn li ġejjin:-

(i) il-ħati xjentement jew b'nuqqas ta' ħsieb ikun ipperikola l-ħajja tal-persuna ta' taħt l-età;

(ii) ir-reat ikun jinvolvi l-vjolenza jew offiża gravi fuq dik il-persuna;

(iii) ir-reat isir bl-involviment ta' għaqda kriminali fil-kuntest ta' l-artikolu 83A(1)."

**12.** L-artikolu 208A tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 208A tal-Kodiċi.

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:-

"(1) Kull ċittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew f'Malta sew barra minn Malta, kif ukoll kull persuna

f'Malta, li tiġbed jew tippermetti li jinġibed xi ritratt, filmat, *video recording* jew xbieha elettronika indeċenti ta' persuna ta' taħt l-età, jew li tipproduċi, tqassam, ixxerred, timporta, tesporta, toffri, tbiegħ, tittrasmetti jew turi xi ritratt, filmat, *video recording* jew xbieha elettronika indiċenti bħal dawk, tista', meta tinsab ħatja, teħel priġunerija għal żmien minn tnax-il xahar sa ħames snin.";

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:-

"(1A) Ir-reat fis-subartikolu (1) għandu jkun punibbli bi priġunerija għal żmien minn sentejn sa tmien snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f'kull wieħed minn dawn il-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-ħati xjentement jew b'nuqqas ta' ħsieb ikun ipperikola l-ħajja tal-persuna ta' taħt l-età;

(b) meta r-reat ikun jinvolvi l-vjolenza jew offiża gravi fuq dik il-persuna;

(ċ) meta r-reat isir bl-involviment ta' għaqda kriminali fil-kuntest ta' l-artikolu 83A(1).

(1B) Kull persuna li tikseb jew ikollha fil-pussess tagħha xi ritratt, filmat, *video recording* jew xbieha elettronika indeċenti ta' persuna ta' taħt l-età, tista', meta tinsab ħatja, teħel priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn.

(1Ċ) Għall-finijiet tas-subartikoli (1) u (1A), il-frażi "resident permanenti" għandu jkollha l-istess tifsir mogħti lilha bl-artikolu 5(1)(d)."; u

(ċ) minflok is-subartikolu (3) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Meta r-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (1B) jsiru minn axxendent minħabba l-qrubija mid-demm jew bi żwieġ, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur, jew minn xi persuna oħra li tkun fdata, ukoll jekk biss għal xi żmien, bil-kura, l-edukazzjoni, l-istruzzjoni, il-kontroll jew il-kustodja tal-persuna ta' taħt l-età murija fir-ritratt, filmat,

*video recording* jew xbieha elettronika, jew meta dik il-persuna ta' taħt l-età ma tkunx għalqet l-età ta' disa' snin:

(a) fil-każ tar-reat imsemmi fis-subartikolu (1), il-piena għandha tkun dik ta' priġunerija għal żmien minn tmintax-il xahar sa seba' snin, u

(b) fil-każ tar-reat imsemmi fis-subartikolu (1B), il-piena għandha tkun dik ta' priġunerija għal żmien minn tliet xhur sa tliet snin, u għandhom japplikaw ukoll id-disposizzjonijiet ta' artikolu 197(4)."

**13.** Minnufih wara l-artikolu 208A tal-Kodiċi għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej: Żjieda ta' l-artikolu 208B ġdid mal-Kodiċi.

"Disposizzjonijiet li japplikaw għall-artikoli 204 sa 204C u 208A tal-Kodiċi.

208B. (1) Dawn id-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu japplikaw għar-reati taħt l-artikoli 204, 204A sa 204C, it-tnejn inklużi, u l-artikolu 208A(1) u (1A).

(2) B'żjieda mal-piena stabbilita għar-reati msemmija, il-Qorti tista' tordna li l-ħati jiġi għal xi żmien jew għal kull żmien prevenut milli jeżerċita l-attivitajiet professjonali tiegħu li jkollhom x'jaqsmu mas-superviżjoni tat-tfal.

(3) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 121D u 248E(4) għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis*.

(4) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 13 u 14 ta' l-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis*.

(5) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5, il-qrati ta' Malta għandhom ukoll ikollhom ġurisdizzjoni fuq l-imsemmija reati meta:

(a) parti biss mill-azzjoni li tagħti lok għall-eżekuzzjoni tar-reat tkun seħħet f'Malta; jew

(b) il-ħati jkun ċittadin Malti jew resident permanenti f'Malta jew ir-reat ikun sar għall-benefiċċju ta' korp magħqud reġistrat f'Malta; jew

(ċ) ir-reat ikun sar permezz ta' sistema ta' *computer* li tkun tista' tinfetaħ u tintuża minn Malta minkejja li dik is-sistema ta' *computer* tista' tkun sitwata barra minn Malta.

(6) Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra, il-perjodu ta' preskrizzjoni għandu jibda għaddej mill-ġurnata meta l-vittma tkun ta' l-età.".

Emenda ta' l-artikolu 248E tal-Kodiċi.

**14.** Minnufih wara s-subartikolu (5) ta' l-artikolu 248E tal-Kodiċi, għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"Eżenzjoni għal atti li jsiru b'ġegħil.

(6) M'għandu jkun hemm ebda kastig għal reati li jsiru taħt dan is-sub-titolu jekk il-ħati kien imġiegħel jagħmilhom minn xi persuna oħra fejn id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta' l-artikolu 33 ma jkunux japplikaw.

Meta l-Att dwar l-Immigrazzjoni ma japplikax.

(7) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 14 ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni m'għandhomx ikunu japplikaw qabel ma jgħaddu tletin ġurnata minn meta l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni jkollu tassew għaliex jaħseb li l-persuna in kwistjoni tkun vittma ta' xi wieħed mir-reati taħt dan is-sub-titolu.".

Emenda ta' l-artikolu 310A tal-Kodiċi.

**15.** Fl-artikolu 310A tal-Kodiċi, minflok il-kliem "l-artikolu 121D" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikoli 121C, 121D u 248E(4)".

Kap. 217.

Emenda ta' l-artikolu 399 tal-Kodiċi.

**16.** L-artikolu 399 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"399. (1) Meta l-qorti tiddeċiedi li l-eżami ta' xi xhud jew li xi proċess ieħor fl-inkjesta minn xi awtorità barra minn Malta tkun meħtieġa b'mod indispensabbli, l-ittra rogatorja li biha ssir it-talba u d-deċiżjoni tal-qorti għandhom jiġu notifikati lill-Avukat Ġenerali li mbagħad jista', fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol, jagħmel kull sottomissjoni bil-miktub skond ma jqis li jkun meħtieġ. Għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 618 u 619 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 622B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom ikunu

japplikaw għal talba għall-eżami ta' xi xhud taħt dan l-artikolu."

Żjieda ta' l-artikolu 402 ġdid mal-Kodiċi.

**17.** Minnufih wara l-artikolu 402 tal-Kodiċi, għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"It-termini taħt l-artikolu 402(1) għandhom jibdew għaddejjin mill-ġdid.

402A. Meta fir-rigward ta' persuna li tiġi akkużata quddiem il-Qrati tal-Maġistrati bħala qorti ta' inkjesta kriminali, qorti tkun għamlet ordni għall-konsenja tagħha temporanja lejn Stat barrani li jkun qiegħed jitlob l-estradizzjoni tagħha jew lil xi awtorità kompetenti barranija oħra li tkun qegħda titlob il-konsenja tagħha, it-termini ta' żmien imsemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 402 għandhom, mid-data tat-treġġigħ lura tagħha f'Malta, jerġgħu jibdew għaddejjin mill-ġdid."

Emenda ta' l-artikolu 435A tal-Kodiċi.

**18.** Fit-test Malti tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 435A, minflok il-kliem "bis-saħħa ta' dan is-subtitolu bħallikieku" għandhom jidħlu l-kliem "bis-saħħa ta' dan is-subartikolu bħallikieku".

Żjieda ta' l-artikoli ġodda 435AA u 435AB mal-Kodiċi.

**19.** Minnufih wara l-artikolu 435A tal-Kodiċi, għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Ħruġ ta' ordni ta' sorveljanza ta' operazzjonijiet bankarji.

435AA. Meta l-Avukat Ġenerali jkollu tassew għaliex jissuspetta li persuna tkun ħatja ta' reat rilevanti (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "persuna suspettata"), huwa jista' jagħmel rikors fil-Qorti Kriminali għal ordni (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ordni ta' sorveljanza") li biha bank jiġi mitlub jissorvelja għal perjodu speċifiku l-operazzjonijiet bankarji li jkunu qegħdin isiru permezz ta' xi kont wieħed jew aktar tal-persuna suspettata. Il-bank għandu, fuq talba ta' l-Avukat Ġenerali, jikkomunika lill-persuna jew lill-awtorità li tiġi indikata mill-Avukat Ġenerali, l-informazzjoni li tirriżulta minn dik is-sorveljanza.

Konsenja temporanja ta' persuna li tkun qegħda tinżamm f'kustodja lejn pajjiż barrani.

435AB. (1) B'mod konformi ma' u skond kull trattat, konvenzjoni, patt jew ftehim li Malta tkun parti fih jew li jkun xort'oħra japplika għal Malta, l-Avukat Ġenerali jista', bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja, jagħti l-kunsens tiegħu għall-konsenja temporanja ta' persuna li tkun qegħda tinżamm f'kustodja għall-fini ta' investigazzjoni li tkun ser issir jew li tkun qegħda ssir minn xi awtorità ġudizzjarja, prosekutriċi jew amministrattiva ta' pajjiż barra minn Malta wara talba li ssir minn awtorità ġudizzjarja, prosekutriċi jew amministrattiva f'Malta.

(2) Il-persuna konsenjata għandha tinżamm f'kustodja fil-post barra minn Malta lejn fejn hija tkun ġiet konsenjata.

(3) Kull żmien li jingħadda f'kustodja barra minn Malta għandu jitqies li jkun żmien mgħoddi f'kustodja f'Malta.".

Emenda ta' l-artikolu 435B tal-Kodiċi.

**20.** Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 435B tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "awtorità ġudizzjarja jew prosekutriċi ta' pajjiż barra minn Malta" għandhom jidħlu l-kliem "awtorità ġudizzjarja, prosekutriċi jew amministrattiva ta' pajjiż barra minn Malta jew minn qorti internazzjonali";

(b) minflok il-kliem "hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu""għandhom jidħlu l-kliem "hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu u fl-artikolu 435BA"; u

(ċ) minflok il-kliem "suspettata minn dik l-awtorità" għandhom jidħlu l-kliem "suspettata minn dik l-awtorità jew qorti".

Żjieda ta' l-artikoli 435BA u 435BB ġodda mal-Kodiċi.

**21.** Minnufih wara l-artikolu 435B tal-Kodiċi, għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Ħruġ ta' ordni ta' sorveljanza ta' operazzjonijiet bankarji.

435BA. Meta t-talba msemmija fl-artikolu ta' qabel issir bil-għan li jkun hemm sorveljanza ta' operazzjonijiet bankarji li jkunu qegħdin isiru permezz ta' xi kont wieħed jew aktar kontijiet ta' persuna suspettata, l-Avukat Ġenerali jista' jagħmel rikors fil-Qorti Kriminali għall-ħruġ ta' ordni ta' sorveljanza u għandhom *mutatis mutandis* japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 435AA.

Konsenja temporanja ta' persuna li tkun qegħda tinżamm f'kustodja f'Malta.

435BB. (1) B'mod konformi ma', u skond kull trattat, konvenzjoni, patt jew ftehim li Malta tkun parti fih jew li jkun xort'oħra japplika għal Malta, l-Avukat Ġenerali jista', bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja, jagħti l-kunsens tiegħu għall-konsenja temporanja ta' persuna li tkun qegħda tinżamm f'kustodja fi Stat barrani għall-fini ta' investigazzjonijiet li jkollhom isiru jew li jkunu qegħdin isiru f'Malta wara talba ta' awtorità ġudizzjarja, prosekutriċi jew amministrattiva ta' dak l-Istat.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 30C ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, għandhom ikunu

*mutatis mutandis* japplikaw għal persuna li tkun temporanjament konsenjata lejn Malta taħt is-subartikolu (1).".

**22.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 435C tal-Kodiċi, minflok il-kliem "awtorità ġudizzjarja jew prosekutriċi ta' pajjiż barra minn Malta" għandhom jidħlu l-kliem "xi awtorità ġudizzjarja, prosekutriċi jew amministrattiva ta' pajjiż barra minn Malta jew minn qorti internazzjonali", u minflok il-kliem "quddiem il-qrati ta' dak il-pajjiż" għandhom jidħlu l-kliem "quddiem il-qrati ta' dak il-pajjiż jew quddiem qorti internazzjonali". Emenda ta' l-artikolu 435C tal-Kodiċi.

**23.** L-artikolu 435E tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 435E tal-Kodiċi.

(a) fit-test Ingliż tas-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "investigations into criminal investigations" għandhom jidħlu l-kliem "investigations into criminal offences"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (5) tiegħu, għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(6) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu "awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż ieħor" u "uffiċjal minn pajjiż ieħor" għandha tiftiehem li tinkludi uffiċjali ta' korpi mwaqqfa b'mod konformi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea kif imfisser fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Unjoni Ewropea. Kap. 460.

(7) Meta l-Avukat Ġenerali jkun awtorizza t-twaqqif ta' grupp investigattiv konġunt skond m'hemm provdut fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, l-uffiċjali barranin li jkunu qegħdin jipparteċipaw f'dik l-investigazzjoni jkollhom jedd li jkunu preżenti meta jkunu qegħdin jittieħdu xi miżuri investigattivi u, jekk dawn ikunu hekk awtorizzati jagħmlu mill-uffiċjal kompetenti tal-Pulizija Esekuttiva, li jadottaw miżuri esekuttivi.".

**24.** Minnufih wara l-artikolu 647A għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej: Żjieda ta' artikolu 647B ġdid mal-Kodiċi.

"Meta jintbagħtu dokumenti jew xi att lil persuna f'pajjiż barrani.

647B. B'mod konformi ma', u skond kull trattat, konvenzjoni, patt jew ftehim, bejn Malta u pajjiż ieħor jew li japplika għal dawk iż-żewġ pajjiżi jew li dawk iż-żewġ pajjiżi huma parti fih, xejn m'għandu jżomm milli jintbagħtu dokumenti dwar proċeduri jew xi att li jirrigwarda l-proċedimenti jista' jintbagħat direttament bil-posta lil xi persuna li tkun tinsab fit-territorju tal-pajjiż barrani fi lsien li dik il-persuna tkun tifhem:

Iżda flimkien mad-dokumenti dwar proċeduri għandu jkun hemm rapport li jindika lil dik il-persuna r-rimedji disponibbli u dik l-informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tiegħu dwar dak id-dokument tista' tinkiseb mingħand l-awtorità emittenti jew mingħand awtorità kompetenti oħra f'Malta.".

Emenda ta' l-artikolu 649 tal-Kodiċi.

**25.** L-artikolu 649 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "mill-awtorità ġudizzjarja, prosekutriċi jew amministrattiva ta' pajjiż barra minn Malta" għandhom jidħlu l-kliem "mill-awtorità ġudizzjarja, prosekutriċi jew amministrattiva ta' pajjiż barra minn Malta jew minn qorti internazzjonali", u minflok il-kliem""mill-awtorità hawn fuq imsemmija jew xort'oħra," għandhom jidħlu l-kliem "mill-awtorità jew qorti hawn fuq imsemmija jew xort'oħra,";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "ta' l-awtorità ġudizzjarja, prosekutriċi jew amministrattiva" għandhom jidħlu l-kliem "ta' l-awtorità ġudizzjarja, prosekutriċi jew amministrattiva barranija jew tal-qorti internazzjonali", u minflok il-kliem "bejn Malta u l-pajjiż" għandhom jidħlu l-kliem "bejn Malta u l-pajjiż, jew bejn Malta u l-qorti," u minflok il-kliem "li japplikaw għal dawk iż-żewġ pajjiżi jew li fihom dawk iż-żewġ pajjiżi jkunu parti" għandhom jidħlu l-kliem "li japplikaw għal dawk iż-żewġ pajjiżi jew li fihom dawk iż-żewġ pajjiżi jkunu parti jew li japplikaw għal Malta u dik il-qorti jew li fihom kemm Malta kemm dik il-qorti jkunu parti"; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (5) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5A) Jekk it-talba ma tkunx tista', jew ma tkunx tista' għal kollox, tiġi esegwita skond il-formalitajiet, proċeduri jew termini li jiġu indikati mill-awtorità barranija rikjedenti, l-awtorità rikjedenti għandha tiġi mgħarrfa filwaqt li jiġi indikat iż-żmien kalkolat li fih jew il-kundizzjonijiet li taħthom, l-esekuzzjoni tat-talba tista' tkun possibbli.".

## TAQSIMA II

Emenda tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

**26.** Din it-taqsima temenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal- Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-taqsima msejjaħ "il-liġi prinċipali".

**27.** Fl-artikolu 619 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "sabiex tagħtiha kors." għandhom jidħlu l-kliem "sabiex tagħtiha kors:" u minnufih wara għandu jidħol dan il-proviso li ġej:

Emenda ta' l-artikolu 619 tal-liġi prinċipali.

"Iżda l-qorti tista' tiddispensa mill-ħtieġa ta' dan l-artikolu meta xi trattat, konvenzjoni, patt jew ftehim, bejn Malta u pajjiż ieħor jew li jkunu japplikaw għaż-żewġ pajjiżi li huma jew li dawk iż-żewġ pajjiżi jkunu parti fihom, ikunu jipprovdu għat-trasmissjoni diretta ta' ittri rogatorji bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji.".

## TAQSIMA III

**28.** Din it-taqsima temenda l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-taqsima msejjaħ "il-liġi prinċipali".

Emenda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha. Kap. 31.

**29.** L-artikolu 120A tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 120A tal-liġi prinċipali.

(a) fis-subartikolu (2B) tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "l-artikolu 22(3A) u (7)" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 22(3A), (3B) u (7)"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (8) għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(9) Meta reat kontra din l-Ordinanza li persuna tkun instabet ħatja dwaru, ikun jikkonsisti f'xi wieħed mir-reati msemmija fl-artikolu 120C(1) jew fir-reat ta' pussess ta' xi mediċinali kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza taħt dawk iċ-ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati, id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 121D u 248E(4) tal-Kodiċi Kriminali għandhom japplikaw *mutatis mutandis*."

**30**. Fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 120Ċ tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "120A(1D)," għandhom jidħlu l-kliem "120A(1D), jew" u minnufih wara dan għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

Emenda ta' l-artikolu 120Ċ tal-liġi prinċipali.

"(e) tkun ħatja tar-reat ta' pussess ta' mediċinali kuntrarju għad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt dawk iċ-ċirkostanzi

li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx wieħed għall-użu esklużiv tal-ħati,".

Emenda ta' l-artikolu 120D tal-liġi prinċipali.

**31**. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 120D tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "120Ċ(1)(a), (b), (ċ) u (d)", għandhom jidħlu l-kliem "120Ċ(1)(a), (b), (ċ), (d) u (e)".

Emenda ta' l-artikolu 120E tal-liġi prinċipali.

**32.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 120E tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "120Ċ(1)(a), (b), (ċ) u (d)", għandhom jidħlu l-kliem "120Ċ(1)(a), (b), (ċ), (d) u (e).".

Emenda ta' l-artikolu 120F tal-liġi prinċipali.

**33.** Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 120F tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "120Ċ(1)(a), (b), (ċ) u (d).", għandhom jidħlu l-kliem "120Ċ(1)(a), (b), (ċ), (d) u (e).".

## TAQSIMA IV

Emenda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Kap. 101.

**34.** Din it-taqsima temenda l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-taqsima msejjaħ "il-liġi prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 22 tal-liġi prinċipali.

**35.** L-artikolu 22 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara s-subartikolu (3A) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3B) Meta r-rikavat li jkun ġej mir-reat ikun tberbaq jew għal xi raġuni oħra li tkun dak ir-rikavat ma jkunx jista' jiġi identifikat u konfiskat jew tiġi ordnata l-konfiska ta' proprjetà bħal dik li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, il-qorti għandha twaħħal lill-persuna li tinsab ħatja jew lill-korp magħqud, jew lill-persuna li tinsab ħatja u lill-korp magħqud solidalment, skond il-każ, biex tħallas multa li tkun ekwivalenti għall-ammont tar-rikavat li jkun ġej mir-reat. Dik il-multa tkun tista' tinġabar bħala dejn ċivili u għal dan l-għan is-sentenza tal-qorti għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.";

Kap. 12.

(b) minnufih wara s-subartikolu (14) tiegħu, għandu jiżdied dan li ġej:

"(15) Meta reat kontra din l-Ordinanza li persuna tkun instabet ħatja dwaru, ikun jikkonsisti f'xi wieħed mir-reati msemmija fl-artikolu 24A(1) jew fir-reat ta' pussess ta' xi

mediċinali kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt dawk iċ-ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati, id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 121D u 248E(4) tal-Kodiċi Kriminali għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.".

**36.** Fis-subartikolu (1) l-artikolu 22A tal-liġi prinċipali, minnufih wara l-kliem "fis-subartikolu (1Ċ) ta' l-istess artikolu," għandhom jiżdiedu l-kliem "jew bir-reat ta' pussess ta' xi mediċinali, kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt dawk iċ-ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati.". Emenda ta' l-artikolu 22A tal-liġi prinċipali.

**37.** Fl-artikolu 22B tal-liġi prinċipali, minnufih wara l-kliem "mħallsa jew konsenjata bi ksur ta' dak l-ordni tal-qorti." għandhom jiżdiedu l-kliem "Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà immobbli li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.". Emenda ta' l-artikolu 22B tal-liġi prinċipali.

**38.** L-artikolu 24A tal-liġi prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 24A tal-liġi prinċipali.

(a) fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "l-artikolu 22," għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 22, jew" u minnufih wara dan għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) tkun ħatja tar-reat ta' pussess ta' xi mediċina kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt dawk iċ-ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklużiv tal-ħati,";

(b) fis-subartikolu (6) tiegħu, minflok il-kliem "fil-paragrafi (a) sa (d)" għandhom jidħlu l-kliem "fil-paragrafi (a) sa (e)";

(ċ) fis-subartikolu (10) ta' l-artikolu 24A tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "proprjetà in kwistjoni." għandhom jidħlu l-kliem "proprjetà in kwistjoni:", u minnufih wara dan għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll kull att li hekk isir bi ksur ta' dik l-ordni tal-qorti jkun null u bla ebda effett fil-liġi u l-qorti tista', meta dik il-persuna tkun is-sekwestratarju, tordna lil dik il-persuna tiddepożita f'bank għall-kreditu tal-persuna suspettata l-ammont ta' flejjes jew il-valur ta' proprjetà mobbli oħra mħallsa jew konsenjata bi ksur ta' dik l-ordni tal-qorti."; u

(d) fis-subartikolu (11) tiegħu, minflok il-kliem "fil-paragrafi (a) sa (d)" għandhom jidħlu l-kliem "fil-paragrafi (a) sa (e)".

Emenda ta' l-artikolu 24B tal-liġi prinċipali.

**39.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 24B tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "fil-paragrafi (a), (b), (ċ) u (d)" għandhom jidħlu l-kliem "fil-paragrafi (a), (b),(ċ), (d) u (e)".

Emenda ta' l-artikolu 24Ċ tal-liġi prinċipali.

**40.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 24Ċ tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "fil-paragrafi (a), (b), (ċ) u (d)" għandhom jidħlu l-kliem "fil-paragrafi (a), (b),(ċ), (d) u (e)".

Emenda ta' l-artikolu 24D tal-liġi prinċipali.

**41.** L-artikolu 24D tal-liġi prinċipali għandha tiġi sostitwita kif ġej:

(a) minnufih wara s-subartikolu (9) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(9A) Meta l-ordni ta' konfiska barranija tkun tikkonsisti fil-ħtieġa li jitħallas ammont ta' flus, il-qorti għandha tikkonverti l-ammont tagħhom fi flus Maltin bir-rata ta' kambju li tkun tapplika fid-data tad-deċiżjoni li tordna l-infurzar."; u

(b) fis-subartikolu (12), fit-tifsira "reat rilevanti", minflok il-kliem "(a), (b), (ċ) u (d)" għandhom jidħlu l-kliem "(a), (b), (ċ), (d) u (e)".

## TAQSIMA V

Emenda ta' l-Att kontra *Money Laundering*.

Kap. 373.

**42.** Din it-taqsima temenda Att kontra *Money Laundering* u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att kontra *Money Laundering*, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**43.** Fit-tifsira "*money laundering*" fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali:

(a) fis-subparagrafu (i) tiegħu, minflok il-kliem "wieħed ikun jaf" għandhom jidħlu l-kliem "wieħed ikun jaf jew jissuspetta";

(b) fis-subparagrafu (ii) tiegħu, minflok il-kliem "wieħed ikun jaf" għandhom jidħlu l-kliem "wieħed ikun jaf jew jissuspetta"; u

(ċ) fis-subparagrafu (iii) tiegħu, minflok il-kliem "l-akkwist ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf" għandhom jidħlu l-kliem "l-akkwist, pussess jew użu ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta".

**44.** L-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

(a) minnufih wara s-subartikolu (2), għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"Ordni li tingħata mill-Avukat Ġenerali.

(2A) (a) Kull persuna li tiġi akkużata b'reat kontra dan l-Att għandha tiġi proċessata fil-Qorti Kriminali jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond ma l-Avukat Ġenerali jista' jordna, u tista' teħel jekk tinsab ħatja –

(i) mill-Qorti Kriminali, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux inqas minn tliet snin iżda mhux iżjed minn erbatax-il sena, jew multa ta' mhux inqas minn Lm10,000 (għaxart elef lira) iżda mhux iżjed minn Lm1,000,000 (miljun lira), jew dik il-multa u priġunerija flimkien; jew

(ii) mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn disa' snin, jew multa ta' mhux inqas minn Lm 1,000 (elf lira) iżda mhux iżjed minn Lm 50,000 (ħamsin elf lira), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(b) Minkejja li l-Avukat Ġenerali jkun ordna skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) li persuna tiġi proċessata fil-Qorti Kriminali, huwa jista', f'kull waqt qabel ma jiġi ippreżentat l-att ta' akkuża jew f'kull waqt wara li jiġi ippreżentat l-att ta' akkuża iżda qabel ma jissejħu l-ġurati, u bil-kunsens ta' l-akkużat, jordna li dik il-persuna tiġi proċessata fil-Qorti tal-Maġistrati, u meta tingħata ordni bħal dik il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali ssir kompetenti biex tipproċessa lil dik il-persuna bħallikieku ma tkun qabel ingħatat ebda ordni oħra. Meta l-Avukat Ġenerali jkun ta ordni ġdida bħal dik wara li jkun ġie ippreżentat l-att ta' akkuża, ir-reġistratur tal-Qorti Kriminali għandu jara li l-inkartament jiġi mibgħut lill-Qorti tal-Maġistrati, u jara li kopja ta' l-ordni ta' l-Avukat Ġenerali tiġi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

(ċ) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), il-Qorti tal-Maġistrati tkun kompetenti li tipproċessa r-reati kollha kontra dan l-Att skond ma jiġi ordnat mill-Avukat Ġenerali skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1).";

(b) is-subartikolu sħiħ (5) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (a) ta' dak is-subartikolu (5) u minflok il-kliem "mill-qorti:" għandhom jidħlu l-kliem "mill-qorti wkoll jekk fil-każ ta' proprjetà immobbli dik il-proprjetà tkun, minn żmien meta l-ħati jkun ġie akkużat, għaddiet f'idejn terzi, kif ukoll jekk ir-rikavat ta' proprjetà, kemm mobbli kemm immobbli, ikunu jinsabu f'xi post barra minn Malta:";

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (a) tas-subartikolu (5) kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"Konfiska ta' rikavat.

(b) Meta r-rikavat li jkun ġej mir-reat ikun tberbaq jew għal xi raġuni oħra li tkun dak ir-rikavat ma jkunx jista' jiġi identifikat u konfiskat jew tiġi ordnata l-konfiska ta' proprjetà bħal dik li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, il-qorti għandha twaħħal lill-persuna li tinsab ħatja jew lill-korp magħqud, jew lill-persuna li tinsab ħatja u lill-korp magħqud solidalment, skond il-każ, biex tħallas multa li tkun ekwivalenti għall-ammont tar-rikavat li jkun ġej mir-reat. Dik il-multa tkun tista' tinġabar bħala dejn ċivili u għal dan l-għan is-sentenza tal-qorti għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

Konfiska ta' proprjetà miksuba minn attività kriminali.

(ċ) Meta jiġi stabbilit li l-valur tal-proprjetà tal-persuna li tinsab ħatja ta' reat rilevanti tkun sproporzjonata mal-qligħ tagħha leġittimu u l-qorti, wara li tinforma ruħha minn fatti speċifiċi, tkun għal kollox konvinta li l-proprjetà in kwistjoni tkun inkisbet mill-attività kriminali ta' dik il-persuna, il-proprjetà tkun tista' tiġi konfiskata."; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (6) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(7) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 248E(4) tal-Kodiċi Kriminali, u dawk ta' l-artikolu 22(3A)(b) u (d) ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għar-reati taħt dan l-Att.".

**45.** L-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

(a) fil-proviso għas-subartikolu (10) tiegħu, minflok il-kliem "proprjetà in kwistjoni." għandhom jidħlu l-kliem "proprjetà in kwistjoni:" u minnufih wara għandha tidħol din il-proviso ġdida li ġejja:

"Iżda wkoll kull att li hekk isir bi ksur ta' dik l-ordni tal-qorti jkun null u bla ebda effett fil-liġi u l-qorti tista', meta dik il-persuna tkun is-sekwestratarju, tordna lil dik il-persuna tiddepożita f'bank għall-kreditu tal-persuna suspettata l-ammont ta' flejjes jew il-valur ta' proprjetà mobbli oħra mħallsa jew konsenjata bi ksur ta' dik l-ordni tal-qorti."; u

(b) fis-subartikolu (11) tiegħu, minflok il-kliem "mid-data li fiha jkun sar, f'liema każ l-Avukat Ġenerali għandu, b'avviż bil-miktub, jinforma lill-persuna suspettata u lis-sekwestratarji bil-mod provdut fis-subartikolu (9)," għandhom jidħlu l-kliem "mid-data li fiha jkun sar;".

**46.** Fl-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "nulla u bla effett fil-liġi." għandhom jidħlu l-kliem "nulla u bla effett fil-liġi u l-qorti tista', meta dik il-persuna tkun is-sekwestratarju, tordna lil dik il-persuna tiddepożita f'bank għall-kreditu tal-persuna akkużata l-ammont ta' flejjes jew il-valur ta' proprjetà mobbli oħra mħallsa jew konsenjata bi ksur ta' dik l-ordni tal-qorti.". Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

**47.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "taħt l-artikolu 3(3)" għandhom jidħlu l-kliem "taħt l-artikolu 3(5)". Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 602 tat-12 ta' Diċembru, 2007.

ANTON TABONE
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*